C/2025/5789

28.10.2025

# Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet koperti mill-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2207, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom

(C/2025/5789)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2207 ([2]), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 ([3]) li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet dežinjati fl-Annessi msemmija hawn fuq, iddeċieda li l-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 u fir-Regolament (UE) 2016/1686 għandhom ikomplu japplikaw għal dawk il-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif elenkati fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/1686 sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet essenzjali jew ħlasijiet speċifiċi skont l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Il-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet ikkonċernati jistgħu jressqu talba biex jiksbu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex ġie inkluż u nżamm isimhom fil-lista msemmija hawn fuq. Din it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Il-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet ikkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin iressqu talba lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li jiġi inkluż isimhom fil-lista tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz ipprovdut hawn fuq. F'dan ir-rigward, qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet ikkonċernati għar-rieżami regolari tal-lista mill-Kunsill skont l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/1686. Sabiex it-talbiet jiġu kkunsidrati fir-rieżami li jmiss, dawn għandhom jitressqu sat-30 ta' April 2026.

Qed tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25.
([2]) ĠU L, 2025/2207, 28.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2207/oj.
([3]) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1.